# DRAWWA TA' NISA TQAL GHAL ĦLAS TAJJEB

J. F. Porsella-Flores

Fis-sena 1761 kien hemm kappillan iż-Żurrieq li donnu għajnu għoqritu minn drawwa ta' nisa tqal li jmissu magħhom iċ-ċavetta tat-tebernaklu biex ikollhom ħlas tajjeb, u xtaq li jiġi infurmat sewwa jekk din kinetx flokha; għalhekk qabbad lil ċertu Paolo Farruġia biex jitlob it-tagħrif meħtieġ mingħand is-Surmast taċ-Ċerimonji tal-Katidral.

Minflok ma noqgħod ngħid l-istorja fit-tielet persuna, qed naqleb mit-Taljan għall-Malti il-mistoqsija li għamel Paolo Farruġia u it-tweġiba taċ-Ċerimonjier.

Mistoqsija: "Wisq Rev. Sinjur, Peress li l-Kappillan tagħna sema' li hawn drawwa fost xi nisa li jitolbu lill-kappillan tagħhom biex jislifhom iċ-ċavetta tat-tabernaklu biex biha jmissu żaqqhom sabiex, permezz ta' din id-devozzjoni, ikunu jistgħu jeħilsu mingħajr periklu għal ħajjethom, imqanqal minn kurżita', qalli biex nieħu parir mingħandek jekk din iċ-ċavetta tistax tintbagħat fid-djar, barra mill-knisja, u ma' min; u f'każ li ma tistax tinħareġ 'il barra mill-knisja, jekk għall-anqas tistax tintuża fil-knisja min-nisa li jkunu f'dan l-istat. Għaldaqstant inkun obbligat jekk is-Sinjurija Tiegħek jidhrilha li jogħġobha twieġeb lill-kappillan tagħna; jekk le niskuża ruħi miegħek (talli ktibtlek) u ma ndejqekx iktar fuq hekk.
Żurrieq- 15 ta' Settembru 1761- Paolo Farruġia."

Tweġiba: "Ġranet ilu irċevejt l-ittra ta' stima tiegħek, iżda peress li jiena kont okkupat ma' nies barranin ma stajtx inwieġbek malajr. Illum wasluli żewġ ittri oħra, waħda b'eċċezzjoni għal dik ta' qabel b'żieda ta' xi aħbar oħra flimkien ma' xi favuri li għoġbok tagħmilli, u li għalihom niżżikkħajr ħafna; l-oħra hi dwar xi diffikulta' li hemm jekk iċ-ċavetta tat-tabernaklu tistax tiġi mislufa lil xi nisa li jkunu waslu biex jeħilsu mit-tqala. Għall-mistoqsija tiegħek inwieġeb li ta' spiss jiġri li tintbagħat iċ-ċavetta tat-tabernaklu lil dawk in-nisa li jkunu jinsabu f'xi diffikulta' li jwelldu, l-iktar meta jkunu jinsabu f'xi periklu, sabiex bid-devozzjoni u fidi li jkollhom ma jbatux biex iwelldu. Madankollu iċ-ċavetta ma għandhiex tintbagħat għalxejn, imma biss

meta jkun hemm il-biża' u periklu ta' ħlas ħażin; u ma għandu qatt jiġi permess li ċ-ċavetta tintmess ma' żaqq il-mara b'mod mhux xieraq għax jekk isir hekk, minbarra li wieħed ikun qed jagħmel ħaġa mhix xierqa, ikun qed jonqos ukoll mill-qima; lanqas ma għandha tiġi fdata iċ-ċavetta lil min ġie ġie, jew li jgħaddiha minn idejn ta' mara għal dawk ta' oħra, iżda ma' xi mara devota, f'xi kaxxa żgħira, jew imgeżwra f'karta, u tinżamm b'devozzjoni u qima bħal relikwja; u titqiegħed mal-pazjenta b'devozzjoni, fidi u tama f'post xieraq ta' ġisimha, bil-kaxxa jew karta li tkun fiha; jew jekk ikun hemm bżonn, f'każ ta' xi periklu, tiddendel b'devozzjoni fuq sidirha. Dan hu x'naħseb jien u li inti tista' tgħidu lill-Kappillan biex jissodisfa il-kurżita' li għandu."

Dan it-tagħrif ħadtu mill-manuskritt numru 371 li hemm il-Bibljoteka, il-Belt, fol.434. Il-manuskritt, li inkiteb fl-1850, jiġbor fil-qosor kull ma hemm fl-ewwel seba' volumi tal-*Memorie Diverse* li kien kiteb jew ikkopja Dun Lorenzo Lanzon, Prepostu ta' l-Oratorju tal-Patrijiet Filippini tal-Birgu, bejn is-sekli 18 u 19, u li huma merfugħa fl-Arkivju tal-Kolleġġjata tal-Birgu. Jien għalhekk tlabt lill-Arċipriet, il-Kan. Dun Daniel Farruġia, biex jekk jogħġbu jagħtini kopja ta' dan in-notament, u dan ġentilment bagħtli fotokopja tiegħu. Għaldaqstant ma rridx nonqos li nirżżiħajr.

Inżid ukoll li fil-bidu tas-Seba' Volum ta' dawn in-*notizie* naqraw li dawn huma ittri ta' mistoqsija lil Dun Domenico Falzon, Surmast taċ-Ċerimonji tal-Knisja Katidrali, u tweġibiet mogħtija minnu dwar diversi dubbji u ċerimonji, li huma miżmuma fl-Arkivju tal-Katidral.

---

**Dr. V. M. PELLEGRINI LL.D.**

B'dispjaċir ngħidu li waqt li "L-Imnara" kienet qed tiġi stampata ixxandret l-aħbar ħażina tal-mewt ta' Dr. V.M.Pellegrini fl-1 t'Ottubru 1997 fl-eta ta' 86 sena. Kien wieħed mill-Presidenti Onorarji tal-Għaqda Tal-Folklor u ġie li kiteb ukoll f'"L-Imnara". Qed niktbu din in-nota qasira, iżda jkollna okkażjoni niktbu dwaru aktar fit-tul f'ħarġa oħra. Nitolbu għal ruħu u nwasslu l-kondoljanzi tagħna lill- familjari tiegħu.

R.I.P.